tiegħek !" U wara li taha daqqa ta' għajn imqita, baqa' sejjer għal xogħlu.

Qalbha dejqa aktar minn qabel, riġlejha jirtogħdu u għajnejha mfawrin bid-dmugħ, refgħet minn l-art l-ixkora li fuqha kienu reqdin uliedha u magħhom telqet għal għonq it-trieq, fid-dalma tal-lejl, tistaqsi lilha nfisha x'kienet għamlet biex id-dinja kollha ddur għaliha.

Waslet ħdejn knisja. Riġlejha, bla ebda għata, u minfuħin u koħol qishom żewġ brinġiliet, ma felħux iriġuha iżjed; u għaldaqstant, b'uliedha jkaxkru warajha, daħlet f'dil-knisja u nxteħtet gods qrib bieb tal-ġenb, qisha xkora fiergħa.

Il-knisja ħuġġieġa dawl u maħnuqa bin-nies.

Daqsxejn ta' tfajjel kien qed iħabbar lill-kotra li temmen il-miġja ta' Dak li twieled bin il-foqra u ħabbhom daqshekk li għal imħabbithom ħalla ħajtu fuq salib.

L-imsejkna tallaba bdiet bil-qajl il-qajl tistejqen u tifhem dak li kienet qiegħda tisma'. U bħalma d-dawl ta' fanal li jilmħu fid-dalma tal-lejl il-baħrin ta' mirkeb qed jegħreq inibbet għal waqt wieħed f'qalbhom tama dgħajfa ta' ħelsien mill-għarqa, hekk il-kliem ħelu u bla qerq ta' dan it-tfajjel dwar Dak li xerred iż-żerriegħa tas-Sliem u l-Imħabba fost il-bnedmin, ħassitu jixgħel fiha tama ġdida. Insiet li kienet ilha ma titrejjaq is-sigħat; qalbha minn dik il-bruda li kienet fiha, bdiet titħarrek u f'waqt li tefgħet ma' ħalqha t-tarf ta' l-ixkora li kellha f'idha, infexxet tolfoq u tibki kemm tiflaħ.

Id-dmugħ li xerrdet kien għaliha serħan u sabar.

Id-dmugħ hu s-sabar ta' kull min hu msejken.

U Dak li jaqra fil-qlub mingħajr ma jitqarraq ħares lejn qalb dit-tallaba, ra x'kien jistħoqqilha u taha dak li għal waqt wieħed kienet tixtieq—is-Sabar.

Xħin ħareġ kull min kien hemm il-knisja resaq fuq it-tallaba bniedem li bħalha kien qiegħed qrib il-bieb ta' barra, ħareġ minn butu biċċa tal-fidda, tahielha u telaq il barra mingħajr biss ma ħares lejha...

L-imsejkna l-ewwel baqgħet b'ħalqha miftuħ, ma tridx temmen lil għajnejha u mbagħad raddet ħajr lill-Mulej għax intebħet li bħall-bqija ta' ħutha l-bnedmin dak il-lejl kien għaliha wkoll il-Lejl tal-Milied.

Ġuże Ellul

# Fid-dlam tal-lejl

Lejla, lejla mudlama,
ismagħha t-tnehida ta' ruħi :
tlift kull ħajr, tlift kull tama ;
ma nafx x'tiswieli l-ħajja ;
bħal dell iswed urajja,
id-dell tax-xejn tiegħi
ma' tul it-triq imwiegħra jiġri miegħi.

Lejla, lejla mudlama,
mimlija bid-dmugħ ta' l-aħħar xita,
int taf il-ħerba kbira
ta' xi dwejra fqira;
int taf kif b'id setgħana
għaddiet il-mewt qerrieda,
mistura fil-mantar sewdieni,
u kitbet fuq il-ġbin ta' żagħżugħ hieni :
"Ħajtek sa hawn, mîl rasek għal dir-rieda."
Imma ma tafx il-ħerba ta' ġo ruħi,
dir-ruħ li bosta ilha
ma' tul il-mixja twila
titħabat bla mistrieħ fl-imrar ta' dmugħi.

Lejla, lejla mudlama,
'il fuq mis-sħabiet ġerrejja,
hemm biċċa qamar miexi miexi
ifittex imm'għalxejn it-triq tas-serħ,
ifittex u ma jsibx it-triq tal-ferħ;
hekk jien,
imkien
ma nista' nsib tidħakli d-dar tal-hena.

Lejla, lejla mudlama,
fis-saltna tad-dlam tiegħek
hemm seħer li jħajjarni
nitħaddan miegħek.
Għandu dak is-seħer mis-sliem tal-qabar.
Mexxini int, sa kemm bogħod mill-ħlejjaq,
'il hinn mill-jasar tad-dwejjaq,
fix-xejn tiegħek jintilef ix-xejn tiegħi,

u jaqa' s-skiet.

Ġużè Chetcuti